**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 2 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 1485/00 AJD*

Maltacom plc

vs

Joseph Leone Ganado

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz prezentat fil-15 ta' Settembru, 2000, fejn is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' mija u tnejn u sebghin liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm172.69), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' pagament eccessiv tas-salarju tal-konvenut maghmul mill-istess socjeta' attrici. Il-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 5 ta' Novembru, 1999, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra bonarja.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fejn huwa eccepixxa li m'ghandu jghati xejn lis-socjeta' attrici peress illi qatt ma thallas aktar minn dak li kien dovut lilu.

Ra li l-kawza giet differita diversi drabi ghall-provi tas-socjeta' attrici, liema socjeta' attrici naqset milli tidher u tressaq il-provi in sostenn tat-talba taghha.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju, 2001, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-provi li hemm.

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta' attrici naqset milli tipprova t-talbiet tahgha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjes kontra taghha.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR